3 ta' Lulju, 2025.

Għażiż Onorat Ombudsman,

**Talba Urġenti għal Investigazzjoni u Infurzar dwar struturri Illegali u Perikolużi ta' Ristoranti tul ix-Xatt f'Tas-Sliema**

Qed niktbu biex nresqu b'mod formali t-tħassib serju tiegħna dwar il-preżenza kontinwa ta' strutturi illegali ta' ristoranti fuq barra tul ix-Xatt (Triq ix-Xatt), Tas-Sliema, u biex nitolbu azzjoni immedjata ta' investigazzjoni u infurzar mill-awtoritajiet rilevanti.

Rapport dettaljat ta' riskju kkummissjonat mir-residenti u ppreparat minn Shield Consultants żvela diversi ksur serji u persistenti li baqgħu ma ġewx indirizzati minkejja diversi ilmenti pubbliċi u privati https://timesofmalta.com/article/restaurant-canopies-along-the-strand-pose-catastrophic-risk.1111092 .

Dawn jinkludu:

- **Ostaklu ċar għall-aċċess ta' vetturi tal-emerġenza**: Rapporti jindikaw li l-kanopji jimpedixxu l-aċċess tal-vetturi tan-nar u tal-ambulanza għal bini residenzjali. Dan huwa allarmanti partikolarment fid-dawl ta' inċidenti preċedenti, bħan-nar f'appartament fejn is-servizzi tan-nar ma setgħux jużaw il-ladders kif suppost.

- **Periklu għas-sigurtà pubblika tal-pedoni**: Ir-residenti u l-pubbliku, inklużi nies b'diżabilità u ġenituri bit-tfal żgħar, qed jiġu mġiegħla jimxu fit-triq, f'riskju ta' inċidenti tat-traffiku u korrimenti.

- **Ksur ċar tal-kundizzjonijiet tal-permessi tal-ippjanar**: Ħafna mill-istabbilimenti qed joperaw b'mod li jikser regolamenti tal-permessi. Kif indikat fir-rapport, strutturi li għandhom ikunu "faċilment rtirabbli" huma fil-fatt semi-permanenti u jibqgħu f'posthom anke meta l-istabbilimenti jkunu magħluqin.

- **Riskji serji għas-saħħa u għan-nar**: L-estensjonijiet barra jżidu r-riskju tan-nar, speċjalment f'żoni residenzjali densament popolati b'rotot ta' evacuazzjoni limitati. L-ambjent ikkonġestjonat jista' jnaqqas ir-rispons tal-emerġenza u jimpedixxi l-moviment tal-ambulanzi u stretchers.

Annes issib lista ta' eżempji ta' enforcement notices kif ukoll ir-rapport "The Strand Sliema and Gzira – Outside Catering areas Safety Report" minn SHIELD Consultants Ltd.

**Għalhekk, b'dan qed nitolbu:**

1. **Investigazzjoni formali** dwar
    - Liema aġenziji huma responsabbli għal din is-sitwazzjoni?
    - Għaliex l-Planning Authority (PA) ma ħaditx azzjoni diretta biex tneħħi ostakli bħal planters u minflok tippreferi tiddependi fuq multi ta' kuljum li huma limitati u jistgħu jiġu appellati?

- Għaliex l-PA u l-Awtorità tal-Artijiet ma ħaddmux ir-rekwiżit legali tagħhom biex jintużaw stainless steel markers li juru b'mod ċar il-limiti tal-kunċessjonijiet?
- Għaliex m'hemmx post wieħed (one-stop-shop) fejn wieħed jista' jagħmel rapport u jsir infurzar dwar storbju eċċessiv u attività li tikkawża inkonvenjent lill-ġirien f'zoni li huma Outdoor Catering Areas, u minflok għadna b'sistema ta' infurzar frammentata?

2. **Evalwazzjoni konġunta tar-riskju u konformità** mill-Awtorità tal-Ippjanar, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika biex jiġi vvalutat:

    - Ir-riskji diretti għan-nar u għall-aċċess tal-emerġenza li jikkawżaw dawn l-istrutturi.
    - L-impatt fuq is-saħħa pubblika minħabba l-ostakli għall-aċċess pubbliku u tal-pedoni.

3. **Lista pubblika** ta' liema stabbilimenti bħalissa qed joperaw bi ksur ta' regolamenti ta' ippjanar, sigurtà, jew saħħa, u skeda ta' azzjoni korrettiva.

4. **Reviżjoni urġenti tal-policies** dwar strutturi ta' catering fuq barra f'żoni residenzjali jew mħallta biex ikun żgurat li l-użu kummerċjali ma jkomplix ipoġġi fil-periklu l-ħajja ttan-nies u l-ġid komunu.

In-nuqqas kontinwu ta' infurzar f'dan il-każ huwa ta' tħassib serju. Is-sigurtà pubblika, l-aċċessibilità u d-drittijiet tar-residenti m'għandhomx jiġu sagrifikati għall-profitt kummerċjali. Nappella lill-awtoritajiet biex jaġixxu b'mod deċiżiv u trasparenti biex tiġi rrestawrata l-legalità u s-sigurtà f'din il-komunità.

Nistennew risposta u azzjoni konkreta mingħandek.

Sinċerament

Matthew Agius, Momentum
Leonard Sammut, Momentum
AnnaMaria Baldacchino, Sliema resident